

Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

11952/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0159 (NLE)**

---

---

**PROBA 29  
DEVGEN 135  
FORETS 55  
WTO 68  
RELEX 1047**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11409/17
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni Ewropea mill-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG) - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

---

1. Fit-18 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sħubija tal-UE fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG) (ST 11409/17).
2. Fl-24 ta' Lulju 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi (PROBA) laħaq qbil dwar proposta riveduta tal-Presidenza għal Deċiżjoni tal-Kunsill u qabel li għandha tkompli tiġi pproċessata bil-ħsieb li tintalab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħruġ tal-UE mill-IRSG.
3. Hekk kif intlaħaq qbil, għadd ta' Stati Membri talbu dikjarazzjoni mill-Kummissjoni biex tagħti assigurazzjoni dwar kemm ser ikunu robusti l-monitoraġġ u t-fassil tal-politika futuri fil-qasam tal-gomma naturali u turi l-impenn tal-Kummissjoni li żżomm bażi soda ta' evidenza għall-azzjonijiet tagħha.

4. L-avviż tal-ħruġ mill-IRSG għandu jintbagħat lis-Segretarju Ġenerali bil-miktub sal-1 ta' Novembru biex ikun effettiv fit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja sussegwenti. Il-Membri li javżaw wara l-1 ta' Novembru jkunu responsabbli għall-kontribuzzjonijiet tas-sħubija għas-sena finanzjara ta' wara.
5. L-UE għandha għalhekk tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-IRSG sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2025 sabiex il-ħruġ ikun effettiv fit-30 ta' Ġunju 2026 u tevita r-responsabbiltà għall-kontribuzzjonijiet tas-sħubija għas-sena finanzjarja ta' wara.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
  - jikkonferma l-qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni Ewropea mill-Grupp Internazzjonali ta' Studju dwar il-Gomma (IRSG), kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument ST 11951/25;
  - jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew abbażi tad-dokument imsemmi hawn fuq. Fid-dawl tal-obbligu li s-Segretarju Ġenerali tal-IRSG jiġi nnotifikat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2025 sabiex ma jiġux estiżi s-sħubija tal-UE fl-IRSG, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għall-IRSG, il-Parlament Ewropew għandu ġentilment jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mis-sessjoni plenarja li ser issir mis-6 sad-9 ta' Ottubru 2025.